MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Numru. 1157/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Hersey**

**vs**

**Alex Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alex Azzopardi ta’ 51 sena, bin Paul u Rose nee’ Micallef, imwieled Sliema fl-24 ta’ April 1958 u residenti 38/2 Cara, Triq ir-Ratal, Swieqi, detentur ta’ karta tal-identita’ numru 325558(M) (Mob no : 79499422) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-23 ta’ Settembru 2009, u fil-jiem ta’ qabel gewwa San Pawl il-Bahar u f’ dawn il-Gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kinux persuni ezenti (cioe lill-Ragchaasuren Bayasgalatugs) u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew mod iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil ta’ reat mahsub taht l-Artikolu 32 1(b) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa ‘Mongolian’ restaurant San Pawl il-Bahar, u nhawi ohra f’ Malta, impjega persuni li ma kienux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali.

Fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Novembru 2009 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2010 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 321 (1) (b) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 3(a) u 10 tal-Avviz Leglai 110/93, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ seba’ mitt ewro (€700).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------